# FIL-PRIM’AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**Rikors Nru. 680/20JRM**

Fl-Atti tar-Rikors għall-ħruġ ta’ Kontro-Mandat għall-Mandat ta’ Sekwestru Kawtelatorju numru 975/20 fl-ismijiet:

**BONNIĊI BROS SERVICES LIMITED (C – 57464)**

vs

**SPORTMALTA**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq mis-sekwestrata SportMalta (aktar ’il quddiem imsejħa “l-eżekutata”) fis-6 ta’ Awwissu, 2020, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, talbet li l-Qorti tħassar il-Mandat ta’ Sekwestru fuq imsemmi, maħruġ kontriha fuq talba tal-intimata Bonniċi Bros Services Limited (aktar ’il quddiem imsejjaħ “l-eżekutanti”), għall-finijiet tal-artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat id-degriet tagħha tal-11 ta' Awwissu, 2020, li bih ordnat in-notifika lill-eżekutanti u tatha żmien biex tressaq is-sottomissjonijiet tagħha għat-talbiet tal-eżekutata;

Rat ir-rikors imressaq mill-eżekutata fis-26 ta' Awwissu, 2020[1], li bih talbet li, ladarba xi sekwestratarji iddepożitaw l-ammont mitlub fil-Mandat, tordna li l-Mandat jibqa' fis-seħħ biss fir-rigward ta' bank sekwestratarju wieħed u l-effetti tiegħu jitneħħew mis-sekwestratarji l-oħrajn;

Rat in-Nota mressqa mill-eżekutanti fl-10 ta' Settembru, 2020, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissrin, laqgħet għat-talbiet tal-eżekutata billi qalet li r-raġuni li fuqha tinbena t-talba għat-tħassir tal-Mandat ma hijiex mistħoqqa billi l-eżekutata mhix il-Gvern u, għall-kuntrarju, hija enti distint mill-Gvern ta' Malta u ħlejqa ta' liġi;

Rat l-atti tar-rikors u tal-Mandat li għalihom jirreferi;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni maħsuba taħt l-artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta għat-tħassir ta' Mandat kawtelatorju. Minn dak li joħroġ mit-talbiet li għandha quddiemha l-Qorti, l-eżekutata qiegħda titlob it-tħassir għal kollox tal-effetti ta' Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju maħruġ kontra tagħha mill-eżekutanti minħabba li tgħid li dak il-Mandat ma messux inħareġ ladarba l-liġi tgħid[2] li ma jistax jinħareġ Mandat ta' Qbid jew Mandat ta' Sekwestru (kawtelatorju) biex jitqiegħdu fiż-żgur jeddijiet jew pretensjonijiet kontra l-Gvern ta' Malta. Hija ssejjes dik it-talba wkoll fuq id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 836(1)(ċ) u (f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi minn dak li jirriżulta mill-atti u li huwa rilevanti għad-determinazzjoni ta' dawn il-proċedimenti, joħroġ li l-Mandat relattiv inħareġ kontra l-eżekutata fit-30 ta' Lulju, 2020. Il-Mandat inħareġ dwar pretensjoni ta' kreditu ta' sitt mija u tmienja u tletin elf seba' mija u sitta u disgħin euro u tliet ċenteżmi (€ 638,796.03) magħmula minn erba' (4) appalti ta' xogħlijiet eżegwiti għall-benefiċċju tal-eżekutata. Il-Mandat inħareġ dak inhar stess li tressaq, u ġie notifikat lil tmien (8) sekwestratarji, li ħamsa minnhom huma banek kummerċjali filwaqt li t-tlieta l-oħra huma dipartimenti tal-Gvern;

[1] Paġ. 6 tal-atti
[2] Art. 837(2) tal-Kap 12

Illi fid-19 ta' Awwissu, 2020, l-eżekutanti fetħet kawża kontra l-eżekutata dwar il-pretensjonijiet imsemmija fil-Mandat[3]

Illi jidher li aktar minn wieħed mis-sekwestratarji iddikjara li għandu f'idejh flus tal-eżekutata, u jirriżulta mill-atti li fil-każ ta' wieħed minnhom żgur (l-eżekutata tgħid li dan kien il-każ minn sekwestratarji oħra) is-somma pretiża fil-Mandat tqiegħdet b'ċedola taħt l-awtorità ta' din il-Qorti fid-19 ta' Awwissu, 2020[4];

Illi l-Qorti se tgħaddi biex tqis <u>l-aspetti ta' dritt li jsawru l-każ</u> u tagħraf li l-kawżali tat-talbiet tal-eżekutata jitqassmu taħt tliet (3) irjus. Fl-ewwel lok, hemm ir-raġuni li l-Mandat ma setax jinħareġ kontra l-eżekutata u, marbut ma' dan, li hemm raġunijiet taħt l-artikolu 836(1)(ċ) u 836(1)(f) tal-Kap 12 biex il-Mandat jitħassar;

Illi għar-rigward tal-ewwel kawżali:

A) <u>Li l-Mandat ma setax jinħareġ kontra l-eżekutata għaliex ma jistgħux jinħarġu Mandati ta' Sekwestru kontra l-Gvern ta' Malta</u> [Art. 837(2)]. L-eżekutata tgħid li hija tagħmel parti "mill-qafas governattiv uy amministrattiv tal-pajjiż, li topera kompletament taħt id-direzzjoni tal-Gvern ta' Malta responsabbli ġġall-amministrar u żvilupp ta' artijiet sportivi lilha trasferiti b'diversi avviżi legali parlamentari u tiddependi fuq l-istess Gvern għall-iffinanzjar tal-operazzjonijiet tagħha". Imkien ieħor hija tfisser lilha nnifisha bħala "il-*lunga mano* tal-Gvern ta' Malta";

Illi l-eżekutanti twarrab għal kollox dan l-argument u tisħaq li kellha kull jedd li titlob u tikseb il-ħruġ tal-Mandat għaliex l-eżekutata mhijiex il-Gvern ta' Malta u hija enti miftum mill-istess Gvern kif tgħid il-liġi li bis-saħħa tagħha twaqqfet;

Illi l-Qorti jidhrilha li l-eżekutanti għandha raġun. Fl-ewwel lok, il-mod innifsu kif l-eżekutata tfisser ir-rabta tagħha mal-Gvern ta' Malta jixhed li hija mhix il-Gvern. Il-fatt li hija għandha rabtiet mal-Eżekuttiv u toqgħod għad-direzzjoni tiegħu ma jagħmilhiex, b'daqshekk biss, il-Gvern innifsu. Fit-tieni lok, il-liġi li bis-saħħa tagħha l-eżekutata twaqqfet tagħmilha ċara li l-eżekutata hija enti morali li tgawdi personalità ġuridika distinta[5]. Fit-tielet lok, hemm bosta dispożizzjonijiet fil-liġi ewlenija li taħtha twaqqfet l-eżekutata li jixhdu li dik l-enti mhijiex il-Gvern ta' Malta[6] u li dan jgħodd ukoll dwar l-uffiċjali

[3] Rik. Nru. 731/20RGM (imqiegħda għas-smigħ tal-5.11.2020)
[4] Dok "A", f'paġ. 18 tal-atti
[5] Art. 7(1) tal-Kap 455
[6] Artt. 9 u 10 tal-Kap 455

tagħha jew dawk imqabbdin minnha[7]. Fir-raba' lok, il-Qorti temmen li d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 837(2) tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili huma eċċezzjoni għar-regola dwar il-ħruġ tal-Mandati kawtelatorji u trid għalhekk tinftiehem u titħaddem bla twessigħ żejjed[8];

Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti ssib li ma tistax tilqa' t-talba għat-tħassir tal-Mandat taħt din il-kawżali;

B) L-eżistenza ta' garanzija xierqa oħra biex tagħmel tajjeb għall-pretensjoni ta' min talab il-ħruġ tal-Mandat [Art. 836(1)(ċ)]. L-eżekutata tgħid li din il-garanzija toħroġ mill-fatt li r-rabtiet tagħha mal-Gvern u l-kostituzzjoni legali tagħha li tassiguraha minn fondi pubbliċi biżżejjed biex tista' twettaq ir-rabtiet tagħha ma' terzi jikkostitwixxu garanzija xierqa biex tkun tista' tagħmel tajjeb għall-pretensjonijiet tal-eżekutanti;

Illi min-naħa tagħha, l-eżekutanti tisħaq li ma tressqet l-ebda garanzija oħra xierqa u li d-dikjarazzjoni tal-eżekutata mhijiex biżżejjed biex tikkostitwixxi garanzija tajba biżżejjed għall-finijiet ta' din il-kawżali;

Illi Qorti hija tal-fehma li l-eżekutata ma seħħilhiex turi l-eżistenza ta' garanzija alternativa xierqa li dwarha t-talba tagħha għat-tħassir tal-Mandat tista' tintlaqa'. Il-fatt li hija trid titlob lill-Gvern għall-finanzjament tar-rabtiet tagħha jixhed li l-garanzija tiddependi minn ħaddieħor u mhux minnha nnifisha. Dan jingħad għaliex irid jintwera li tali garanzija trid tkun tinstab fi ħdan l-istess persuna eżekutata, u dan, ġeneralment, minn stħarriġ tal-ġid li hija jista' jkollha. Huwa wkoll mistenni li l-garanzija offerta tkun magħmula minn "assi żguri" li ma jistgħux ikunu kapriċċożament jew arbitrarjament manipulati mill-parti eżekutata jew minn terzi bi ħsara tal-parti eżekutanti[9]. Il-ġid garanti jrid ukoll ikun tali li, f'każ li l-eżekutant ikollu jdur għalih biex jesegwixxi l-pretensjoni tiegħu[10], dak il-ġid ikun disponibbli u rejalizżabbli[11]. Fil-każ ta' ġid immobbiljari, l-garanzija trid taħseb ukoll għall-fatt li, minbarra xi djun li jkunu jgħabbu lil dak il-ġid, il-bejgħ tiegħu bi proċess ġudizzjarju jaf ikun bi prezz sostanzjalment anqas mill-valur li jinġieb li kieku dak il-ġid jinbiegħ skond il-mixja tas-suq[12];

---

[7] Artt. 11 u 12 tal-Kap 455

[8] Ara, fost oħrajn, P.A. JZM **4.4.2017** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Malta Ticket.com Ltd vs Aġenzija Heritage Malta*** li tagħti tifsira ċara tat-tħaddim ta' din l-eċċezzjoni

[9] P.A. TM **18.9.2002** fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet ***John Żarb vs Port Cottonera Ltd***

[10] P.A. TM **5.6.2003** fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet ***Emanuel Sammut et vs Josephine Sammut***

[11] P.A. TM **20.3.2003** fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet ***Ranger Company Ltd vs Euro Imports Ltd***

[12] P.A. TM **13.1.2004** fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet ***Maltese Cross Company Ltd vs Mark Schembri et***

Illi, f'materja ta' garanzija xierqa alternativa, l-piż tal-prova li jeżisti ġid ieħor li jista' jagħmel tajjeb għall-pretensjonijiet tal-intimat eżekutant jaqa' biss fuq il-parti eżekutata rikorrenti[13];

Illi għalhekk, il-Qorti ssib li fuq din il-kawżali ma ntwerietx raġuni tajba biżżejjed biex tħassar il-Mandat;

B) Jintwera li fiċ-ċirkostanzi m'huwiex raġonevoli li l-mandat jinżamm fis-seħħ jew li huwa ġustifikabbli [Art. 836(1)(f)]. Jidher li din il-kawżali tinbena wkoll fuq dak li ssemma fil-kawżali ta' qabel mill-eżekutata;

Illi, tajjeb jew ħażin, minbarra dan biżżejjed jingħad li jekk, 'il quddiem, il-Qorti li ser tqis il-kwestjoni fil-mertu tasal għall-fehma li l-eżekutanti m'għandhomx jedd għall-ħlas fl-ammonti minnhom pretiżi, xorta waħda ma jistax jingħad li l-Mandat ma kienx ġustifikat. Is-suċċess jew telfien ta' kwestjoni fil-mertu ma tista' qatt tfisser li Mandat kawtelatorju nħareġ b'mod vessatorju jew fieragħ[14]. Allura, fil-fehma ta' din il-Qorti, il-kwestjoni ta' jekk huwiex raġonevoli li Mandat kawtelatorju jinżamm fis-seħħ jew jekk huwiex meħtieġ jew ġustifikabbli li tali Mandat jinżamm fis-seħħ ma tiddependi xejn mill-eventwali ċaħda tal-kawżali fil-mertu tat-talbiet tal-intimati eżekutanti;

Illi jingħad ukoll li id-dispożizzjoni tal-liġi taħt eżami timplika li, **wara l-ħruġ tal-Mandat,** tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ[15]. Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-każ;

Illi ladarba l-eżekutata ma ssemmi l-ebda raġuni oħra li tista' twassal lill-Qorti biex tqis is-siwi ta' din it-talba tagħha għat-tħassir tal-Mandat, l-Qorti jkollha toqgħod fuq il-konsiderazzjonijiet li saru minnha taħt il-kawżali ta' qabel;

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ma ssibx li r-rikorrenti eżekutata seħħilha tagħtiha raġuni tajba għaliex il-Mandat għandu jitħassar lanqas fuq din il-kawżali;

Illi l-Qorti se tipprovdi wkoll għat-talba magħmula mill-eżekutata fir-rikors tagħha tas-26 ta' Awwissu, 2020, fejn talbet li l-effetti tal-Mandat

[13] Ara P.A. GC **3.8.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Dr. Tonio Fenech noe vs Dr. Patrick Spiteri pro et noe et***
[14] Ara, per eżempju, PA JSP **10.1.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri vs Camilleri*** u P.A. RCP **30.5.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Yorkie Clothing Industry Limited vs Dr Lilian Calleja Cremona***
[15] Ara P.A. GC **3.8.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Dr Tonio Fenech noe vs Dr Patrick Spiteri et noe et***

jitħallew biss fil-konfront ta' sekwestratarju wieħed u jitħassru fil-konfront tas-sekwestratarji l-oħrajn;

Illi l-eżekutanti tgħid li din it-talba mhijiex postha fi proċedura taħt l-artikolu 836 u billi ma tressqitx prova tajba ta' dak li jissemma fir-rikors tal-eżekutata;

Illi l-Qorti tifhem li f'dan il-każ – bħalma jista' jiġri f'każijiet oħrajn – l-assi tal-eżekutata li jkunu jinsabu f'idejn is-sekwestratarji tal-Mandat maħruġ jistgħu jaqbżu l-ammont pretiż fil-Mandat innifsu. Dan ma jfissirx li l-Mandat irid jitħassar u lanqas li l-effetti tiegħu jgħoddu fil-konfront ta' sekwestratarji partikolari u mhux fil-konfront tal-oħrajn. Jekk kemm-il darba jirriżulta li tabilħaqq xi sekwestratarji għaddew biex ilkoll qiegħdu taħt l-awtorità ta' din il-Qorti somma li tisboq dik imsemmija fil-Mandat, l-eżekutata għandha kull jedd li titlob l-iżbank ta' kull somma f'eċċess bla ma għandha għalfejn titlob it-tħassir tal-Mandat jew tal-effetti tiegħu. Jekk sekwestratarju jiddepożita fil-Qorti l-assi li jkollu f'idejh tad-debitur eżekutat, it-tħassir tal-Mandat ma jġibx b'daqshekk biss il-jedd li dak is-sekwestratarju jista' jitlob l-iżbank tal-assi, gġaliex id-dmir tiegħu taħt il-Mandat ikun wettqu u ħelsu mir-rabta lejn l-ordni tal-Qorti magħmula fil-Mandat. L-iżbank jibqa' l-jedd tal-eżekutat li kontra tiegħu jkun inħareġ il-Mandat jew tal-kreditur eżekutant;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-talbiet** tar-rikorrenti eżekutata għat-tħassir tal-Mandat maħruġ kontriha, billi m'humiex mistħoqqa la fil-fatt u lanqas fid-dritt, bl-**ispejjeż** kontriha; u

**Tipprovdi** dwar ir-rikors imressaq minnha fis-26 ta' Awwissu, 2020, billi tidderiġiha tieħu l-proċeduri maħsuba fil-liġi għall-iżbank ta' xi ammonti depożitati minn xi sekwestratarji taħt l-awtorità ta' din il-Qorti li jaqbżu s-somma kawtelata bil-Mandat mertu ta' din il-proċedura.

Mogħti kameralment illum, id-29 ta' Settembru, 2020.

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

Komunika: Dr. Peter Fenech LL.D. – għar-rikorrenti eżekutata
Dr. John L. Gauċi LL.D. – għall-intimata eżekutanti

(kopja għan-notifika tal-partijiet)